

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Ġunju 2008

li tħassar id-Deċiżjoni 2008/377/KE dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni relatati mad-deni klassiku tal-ħnieżer fis-Slovakkja

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 3223)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/553/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju u żootekniku applikabbli għal kummerċ intrakomunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

- (1) Sehnew tifqigħat tad-deni klassiku tal-ħnieżer fis-Slovakkja.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/377/KE tat-8 ta' Mejju 2008 dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni marbuta mad-Deni Klassiku tal-Ħnieżer fis-Slovakkja ġiet adottata sabiex issaħħaħ il-miżuri meħuda mis-Slovakkja <sup>(2)</sup> fi ħdan il-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda tad-deni klassiku tal-ħnieżer <sup>(3)</sup>.
- (3) L-informazzjoni pprovduta mis-Slovakkja turi li t-tifqigħat tad-deni klassiku tal-ħnieżer f'dak l-Istat Membri

nqerdu u r-riżultati ta' l-investigazzjoni epidemjoloġika juru li d-deni klassiku tal-ħnieżer ma nxteridx aktar.

- (4) Id-Deċiżjoni 2008/377/KE għandha għalhekk titħassar.
- (5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2008/377/KE hija mħassra.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315, 19.11.2002, p. 14).

<sup>(2)</sup> ĠU L 130, 20.5.2008, p. 18. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2008/419/KE (ĠU L 147, 6.6.2008, p. 65).

<sup>(3)</sup> ĠU L 316, 1.12.2001, p. 5. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/729/KE (ĠU L 294, 13.11.2007, p. 26).